## UPDATE PRIESTS 9

Għeżież,

Bil-Malti ngħidu "Kelma tgħid!" biex infissru li ħaġa ma tkunx daqshekk faċli li titwettaq. Ħafna drabi fl-uffiċċju tal-Kummissjoni nsibu ruħna ngħixu din ir-realta`. Min jaf kemm-il darba nkunu nafu x'hemm bżonn li jsir u nħossuna tant żgħar quddiem il-ħtiġijiet li hawn fil-qasam tal-pastorali maż-żgħażagħ. Xi tliet snin ilu (iż-żmien jgħaddi tant malajr) ġejna mitlubin biex infasslu edizzjoni oħra tal-ktieb tal-kant IKTUS. Inxħetna għal din il-biċċa xogħol b'entużjasmu kbir. Grupp ta' persuni offrew li jaħdmu fuq dan il-proġett u bdew proċess ta' konsultazzjoni, marru għall-kumpilazzjoni tal-innijiet popolari, inbeda xogħol fuq i-ittajpjar, diskussjonijiet fuq il-liġi tal-*copyright* u ġirja sfrenata sabiex jinbeda s-setting tal-ktieb u l-bini ta' *website* li tikkumplimenta t-tieni edizzjoni tal-ktieb. Wasalna għall-*printing* – jew għad baqa`? Sibna li l-*copyright* hi biċċa uġiegħ ta' ras, u qed tippruvalna l-paċenzja. Qed nittamaw li l-ħafna xogħol li sar jaslilkom ma jdumx u jservikom fil-ħidma pastorali tagħkom. U wara li nieħdu nifs kbir 'il ġewwa għal biċċa xogħol sewwa li tkun saret, nerġgħu intennu: "kelma tgħid!". Grazzi kbira tmur għal dawk kollha li ħadmu fuq din it-tieni edizzjoni tal-ktieb tal-kant. U meta taslilkom il-*flyer* biex tordnaw il-ktieb, ftakru f'dawk kollha li ħadmu fuqu, u titnikkrux. Qed taslilkom biċċa xogħol tassew sabiħa.

Inselli ħafna għalikom,



Fr. Savio.

**F'dan l-UPDATE tistgħu issibu:**

1. *Pre-order* tal-ktieb tal-kant IKTUS
2. You CARE about You[th]
3. Quddies animat miż-żgħażagħ
4. Informazzjoni dwar *Christian Bands*
5. *European Youth Week*
6. Riżorsi u Attivitajiet: www.kdz.org.mt

## 1. *Pre-printing order* tal-ktieb tal-kant IKTUS

Għalkemm għadna qed inħabbtu wiċċna ma' diversi problemi marbuta mal-liġi tal-*copyright* – li nisperaw li jirnexxilna nsolvu malajr kemm jista' jkun, mehmuż ma' din l-email tistgħu issibu ittra u *flyer* marbuta ma' l-ordnijiet tal-edizzjoni l-ġdida tal-ktieb tal-kant IKTUS. L-ordnijiet tagħkom jistgħu jgħinuna niddeterminaw l-ammont ta' kotba li ser nippubblikaw. Infakkrukom li dawn l-ordnijiet ser jintlaqgħu **sat-30 ta' Ottubru.**

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 2. You CARE about You[th]

Stress Management for Young People and Community Leaders

This is a training Seminar aimed for community leaders, youth workers, and group leaders. The idea is to have a session that relates stress awareness with our work in the voluntary sector, particularly with young people. The sessions will be given by Mr. Holger Saliba and Ms. Josephine Pell on the 20th and 27th October respectively.

Interested participants are asked to register by calling on 21484506 or by sending an email on segreterija@kdz.org.mt, indicating the preferred date (20th or 27th) for attending this course. Participation is free of charge. The seminars will be held at the KDZ offices between 6.30pm and 8.30pm. Poster is attached.

This is a project which the Diocesan Youth Commission is working on in partnership with sedqa and Richmond Foundation.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 3. Quddies animat miż-żgħażagħ

***Aġġornament tal-lista preżenti***

Wara li kienu ġew ippubblikati numru ta' v-cards b'lista ta' quddies animat miż-żgħażagħ li jsiru fid-djoċesi tagħna, qegħdin naħsbu biex nerġgħu naġġornaw din il-lista biex tkun aġġornata kemm fil-*website* u kemm fil-pubblikazzjoni ta' v-cards ġodda. Għalhekk nitolbukom biex taraw il-lista mehmuża ma' din l-email u jekk hemm xi bidliet jew żjidiet tgħarrfuna mill-aktar fis possibli

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 4. Informazzjoni fuq *Christian bands* fis-sit www.awakeningasaph.org

Il-proġett *Awakening Asaph* qed ikompli billi minn żmien għal żmien isir aġġornament ta' dan is-sit. L-aħħar aġġornamenti li saru kienu fl-informazzjoni ta' diversi *Christian bands* li hawn fid-djoċesi tagħna. Din l-informazzjoni tinstab f'dan il-link: http://awakeningasaph.org/index.php?option=com_content&task=view&id=33&Itemid=45.

Jekk għandkom kuntatt ma' xi bands nitolbukom tħeġġuhom sabiex jagħmlu kuntatt magħna billi jibagħtu email fuq info@awakeningasaph.org.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 5. European Youth Week 2008 | 2-9 Novembru | Il-Belt

***Youth Groups Bazaar***

Bħala parti mill-*European Youth Week 2008* li ser issir fl-Ewropa kollha, l-EUPA ta' Malta qegħdin jistiednu lill-għaqdiet u movimenti taż-żgħażagħ biex jipparteċipaw fiha billi fost affarijiet oħra jagħmlu eżibizzjoni (stand) fil-*youth groups bazaar* li ser issir fil-ġonna Hastings bejn il-Ħadd 2 u l-Ħadd 9 ta' Novembru.

Qegħdin ukoll jissuġġerixxu attivitatjiet bħala *drama,* żfin u ħwejjeġ oħrajn. Din hi opportunita' tajba ħafna għal dawk l-organizzazzjonijiet li jixtiequ juru dak li huma u dak li jagħmlu. Il-ħsieb hu wkoll li jkun hemm *workshops* li fihom jistgħu jipparteċipaw dawk iż-żgħażagħ li ser jattendu għal din il-ġimgħa ta' attivitajiet.

Għal aktar informazzjoni, mistoqsijiet jew biex tikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħkom tistgħu tibagħtu email lil Marvic fuq marvic-ann.debono@gov.mt, flimkien ma' deskrizzjoni ta' dak li ser tagħmlu jew ideat oħrajn li tixtiequ tippreżentaw.

Din l-attivita' qed tiġi organizzata mill-*European Union Programmes Agency* (EUPA) f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għaż-żgħażagħ u spirt fi ħdan il-ministeru ta' l-edukazzjoni, kultura, żgħażagħ u sport.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 6. Riżorsi u attivitajiet

Għal informazzjoni dwar diversi attivitajiet li jkunu qed isiru minn gruppi, għaqdiet u movimenti differenti, tistgħu iżżuru is-sit www.kdz.org.mt. Infakkrukom ukoll li f'dan is-sit, fost affarijiet oħra hemm ukoll listi aġġornati ta' gruppi taż-żgħażagħ, quddies animat miż-żgħażagħ kif ukoll lista tad-djar ta' l-irtiri. Jekk tkunu tixtiequ li xi tpoġġu xi avviżi dwar attivitajiet jew riżorsi fil-*website* tal-KDŻ, tistgħu tibagħtu email fuq frmarco@kdz.org.mt jew info@kdz.org.mt

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

*« jekk qed taħseb għal sena iżra' qamħ; jekk għal għaxar snin, iżra' ċitru, jekk għal ħajtek, iżra' mħabba." – Proverbju ċiniż*